MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 39 – 4 Leġiżlatura**

**Il-Ħamis 13 ta' Frar 2025**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Viċi President/ Sindku Marsascala | Chev. Mario Calleja |
| Sindku B'Buġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Ħal-Għaxaq | Is-Sur Karl Boxall |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Santa Luċija | Capt. Charmaine St John |
| Kunsillier Zejtun | Is-Sur Christian Attard |

| | |
|---|---|
| Kunsillier Gudja | Is-Sur Andrew Dalli |
| Kunsillier Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |
| Kunsillier Ħal-Għaxaq | Is-Sur Stephen Attard |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Accountant ta' Regjun -Is-Sur Kevin Incorvaja'

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku ta' Santa Venera Gianluca Falzon

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout — Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**39.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

39.1.1 Il-Kunsill Reġjonali rċieva żewġ ittri ta' apoloġija mingħand Sindku ta' Santa Venera Gianluca Falzon.

**39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

39.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' tmienja u tletin (38) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa. Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

39.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Kunsillier Andrew Dalli il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**39.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**39.2.3.1 Tender tal-binja amministrattiv.**

Il-President informa li l-Bord ta' l-evalwazzjoni għadu għaddej bil-proċess sabiex jiġi determinat il-kuntrattur eliġibbli sabiex issir xogħol.

39.2.3.2 **Streetlighting tender**

Il-President tenna li maniġer responsabbli mill- proġetti u l-inġinier qed jiġbru l-aħħar nformazzjoni u fakkar lil Kunsilli li għadhom ma bagħtux risposta jikkonfermaw kemm jista' jkun malajr

39.2.3.3 **Il-proġett Quiz - Exciting Minds and Bodies -informazzjoni**

Il-President tenna li l-proġett tal-Kwiżż huwa f'stadju u ser ikun numru ta' parteċipanti wara li sar kuntatt ma l-NGOS żdied l-interess. L-ewwel sessjoni ser issir 17 ta' Marzu.

**39.3 Komunikazzjoni mill-president;**

**39.3.1 Laqgħa ma l-Wasteserv**

Il-President informa li saret laqgħa ma l-Wasteserv fil-preżenza ta' Presidenti mill-Reġjuni oħra u AKL. Waqt din i-laqgħa ġew diskussi *is-setoffs* li huma dovuti lil Wasteserv kif ukoll li skart li kunsidrat bħala *rejects*. Hu tenna li DLG kien għadda l-ammont ta' 78,000 ekwivalenti għal multa li Wastserve bagħtet lil Kunsilli minħabba l-iskart kontaminat ta' 2024, kif ukoll il-VAT li tħallset lil PROs. Il- President kompla billi qal li ser tintbagħat *credit note* lil Kunsilli kontra l-fattura li kienet ntbagħtet qabel. Rigward il-

multa ta' l-iskart kontaminat ta' 2023 DLG għadu ma bagħatx informazzjoni. Hu fakkar li min Jannar 2025 il-Kunsilli ma kienux ser iħallsu ta' servizz ta' l-iskart u tipping fees, madanakollu ir-Reġjun ser iżommu lil Kunsilli nfurmati bl-ammonti ta' skart li jkun qed jinġabar.

**39.3.2 Sħubija f' proġett ESPON-VREPO Air Pollution Modelling Project**

Il-President qal bħala riżultat mil-laqgħa li kienu attendew f'Litwanja ir-Reġjun Nofsinhar ġie mistieden sabiex ikun ppartećipa f'proġett fejn għandu il-mira li jiġu installati sensors f'diversi lokalitajiet li jindikaw il-livell ta' l-arja ħażina li tirriżulta m'traffiku, b'hekk wieħed ikun jista' jagħmel assessjar ta' l-arja u tinġabar data neċessarja. Dan il-proġett qed jikkumplimenta il-*monitoring air-units* li għanda l-ERA f'diversi siti.

Il-Kunsill qabel ma din il-parteċipazzjoni f'sfond li Reġjun Nofsnhar huwa Reġjun li jkopri l-industrija kollha li hija neċessarja għal pajjiż, bħal l-ajruport, fabbriki, freeport, power station ta' l-elettriku u diversi toroq ċentrali.

**39.3.3 Riżenja ta' Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mil-Proġetti**

Il-President informa li l-Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill Proġetti kien issottometta riżenja tiegħu għaliex ser ikun qiegħed jokkupa rwol ieħor. Il-Kunsill awgura lis-Sur Matthew Mallia u irringrazzjaħ tal-ħidma u dedikazzjoni dawn l-aħħar snin.

Il-President tenna li minħabba li kien hemm din irriżenja il-Kunsill ser joħroġ sejħa sabiex jimtela dan il rwol.

Il-Kunsill qabel.

39.3.4 **Tiġrija ta' żwiemel -Reġjun Nofsinhar**

Il-President informa li Reġjun għandu numru ta' biljetti sabiex jitqassmu li dawk li jixtiequ jattendu. Huwa tenna li kien attenda għat-tlugħ tal-poloz fejn iż-żwiemel ġew abbinat ma lokalita li kien ser jirrappreżenta waqt it-tiġrija.

39.3.5 **Konferenza stampa -iffirmar ta' ftehim ma Dipartiment Anzjanità Attiva**

Il- President informa li nhar 21 ta' Frar ser issir konferenza bħala parti mil ftehim bejn ir-Reġjun Nofsinhar u Dipartiment Anzjanità Attiva sabiex jerġa issir il-proġett ta' Art for Active Aging. Dan il-Proġett kien ġie introdott waqt il-laqgħa Annwali ta' 2024. Il-konferenza ser issir f'Day Center tal- Hamrun 11.00am.

**39.4 Skeda ta' Pagamenti;**

39.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 02/25A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

39.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farrugia u sekondat il-Viċi President Mario Calleja,il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**39.5 Rapporti**

**39.5.1 Rapport Finanzjarju Q4 2024**

Il-President ressaq ir -rapport tal-aħħar kwart tas-sena li għada kif intemmet. Hu talab lil accountant Sur Kevin Inkorvaja jagħti spjega tiegħu.

Il-Membri preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju b'mod unanimu

**39.5.2 Rapport Finanzjarju Annwali 2024**

President ressaq il-Financial Statements għas-sena 2024 li ġew iċċirkolati minn qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Hu stieden lill-accountant tal-Kunsill Reġjonali biex jingħaqad magħhom u jagħti spjegazzjoni tar-rapporti tal-għeluq tas-sena finanzjarja 2024.

L-accountant tal-Kunsill Reġjonali s-Sur Kevin Inkorvaja ta' spjega dettaljata tar-rapport finanżjaru.

Il-Membri preżenti unanimament approvaw il-Financial Statements (mhux awditjati) 2024.

**39.6 Item: Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali 2024-2028**

Il-President qal li kif kienu ġew nfurmati il-Kunsilli Lokali Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali 2024-2028 ġie iffirmat. Permezz ta' dan il ftehim numru ta' ħaddiema ser jibbenefikaw min progressi f'skali tagħhom kif ukoll ser igawdu min persentaġġ għola ta' massimu 10% li jibda min 2024. Il-Kunsill Reġjonali qed jistenna direzzjoni min Diviżjoni tal-Gvern Lokali ta' kif ser jinħadmu. Huwa tenna li fejn hemm referenza għal ħaddiema ta' Tribunal, ser jintalab rifużjoni mingħand il-Lesa.

**39.6.1** Il- Kunsill ħa nota ta' dan il-ftehim

**39.7 Item: Innu Reġjun tan-Nofsinhar- espressjoni ta' interess**

Il-President ressaq proposta sabiex toħroġ espressjoni ta' interess – Konkors sabiex jinkiteb Innu sabiex ikun rappresentattiv ta' Reġjun Nofsinhar.

**39.7.1** Il- Kunsill qabel ma din il- proposta

39.8 Affarijiet Oħra

39.8.1 Tislima lil ex Sindku Joseph Farrugia

Il-President qal li jixtieq is-sellem il memorja ta' ex Sindku ta' Birzebbugia Joseph Farrugia magħruf bħala Rikky . Huwa faħħar il-ħidma u ġid li kien għamel dan is-Sindku meta kien jifforma parti Kunsill ta' Birzebbugia, hu tenna li hemm bżonn il Sindki jimxu fuq il-passi tiegħu.

Il-Kunsill ingħaqad mal-President f'dan il-ħsieb hu għaddew il-kondoljanzi lil familja tiegħu.

39.8.2 Pjanar li issir Kunċert

Il-President resaq proposta sabiex jerġa jitella Kunċert simili bħal ma sar f'April 2023 f' Ġnien is-Serenita Santa Luċija. Huwa qal li dan issir għal ħabta ta' Settembru f' ġnien ta' waħda mil-lokalitajiet.

Il-Kunsill qabel mal-proposta

**39.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

39.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal it-Tnejn 17 ta' Marzu 2024 5.

Konfermati llum 17 ta' Marzu 2025____________________

Jesmond Aquilina

President

Mariella Strout

Segretarju Eżekuttiv